MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 1712/2010

**MIV Projects Limited**
**(C-47248)**

**vs**
**Mercurius Holdings Limited u permezz ta' digriet datat 8 ta' April 2011, gie kjamat in kawza Joseph Camilleri**

**It-Tribunal,**
Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf sitt mija u tnejn u hamsin ewro (€1,652.00c) dovuti lis-socjeta' rikorrenti bhala hlas professjonali ghal servizzi resi lilha, liema hlas huwa llum dovut u li baqa' ma sarx minkejja li giet interpellata anke b'ittra ufficjali.

Bl-ispejjez u bl-oghla rata tal-imghax skond il-ligi inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Novembru, 2010.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet illi preliminarjament is-socjeta' konvenuta m'hijiex il-legittima kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Illi preliminarjament ukoll, l-intempestivita' ta' l-azzjoni odjerna, stante illi x-xoghol li ghalih qieghed jintalab il-hlas ma sarx skond is-sengha u l-arti u lanqas ma gie kompletat u kellu jitqabbad terza persuna biex jikkompleta x-xoghol bi spejjez zejda fl-ammont ta' circa elf mija u tmenin ewro (€1,180.00) u b'riserva ghal kull azzjoni tar-rifuzjoni fuq imsemmija. Illi minghajr pregudizzju ghaz-zewg eccezzjonijiet preliminari u fil-mertu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' stante illi ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta' konvenuta lil dik attrici peress illi huma ma qabdux lill-konvenut biex jaghmel xogholijiet fl-*interior wall* jew *hollow pointing* li saru minn Fabio Briffa u gie mwaqqaf minn Joseph Camilleri immedjatament. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-rikors tas-socjeta' rikorrenti datat 14 ta' Frar, 2011, u d-digriet tieghu tas-16 ta' Frar, 2011; ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta datata 16 ta' Marzu, 2011 u l-verbal tal-udjenza tas-6 ta' April, 2011. Ra r-rikors tas-socjeta' attrici datat 7 ta' April, 2011 u d-digriet tieghu tat-8 ta' April, 2011, li permezz tieghu gie kjamat fil-kawza Joseph Camilleri.

Ra l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu, 2011, li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat u kkjarifikat illi l-ammont mitlub f'din il-kawza huwa ta' elf sitt mija tnejn u hamsin ewro (€1,652.00).

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju, 2011, fejn il-kjamat in kawza ghamel tieghu wkoll l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' kjamata in kawza permezz tar-risposta taghha tas-6 ta' Jannar, 2011.

Ra r-rikors tas-socjeta' attrici datat 19 ta' Ottubru, 2012, ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta; ra d-digriet tieghu datat 12 ta' Dicembru, 2012, li permezz tieghu cahad it-talba

tas-socjeta’ attrici ghall-isfilz tar-ricevuta li tinsab ezebita a fol. 28 tal-atti.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,
Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara illi l-istess socjeta’ attrici twettaq xoghol ta’ tibjid u tikhil, fost ohrajn, u giet inkarigata mis-socjeta’ konvenuta sabiex twettaq xoghol fuq proprjeta’ li tinsab il-Marsa. Illi ghal tali xogholijiet, li kienu jikkonsistu fil-ftuh u mili tal-fili tal-faccata ta’ dan il-bini, kif ukoll kisi tal-faccata bil-graffiato / sillicato. Illi ghal tali xogholijiet, li kellhom jimpjegaw madwar gimghatejn xoghol, is-socjeta’ attrici kellha tircievi hlas fl-ammont ta’ elfejn ewro (€2,000.00) eskluz il-VAT. Illi minn dan l-ammont thallset is-somma ta’ erba’ mitt ewro (€400.00) bhala depozitu.

Illi s-socjeta’ attrici, tramite tal-haddiema taghha, bdiet ix-xogholijiet izda li gew kostretti li jissospenduhom, minhabba l-maltemp. Illi f’dan ir-rigward inqala’ xi tilwim bejn il-partijiet, ghaliex ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta kien qed jilmenta li x-xogholijiet kienu qed idumu wisq. Illi fi kwalunkwe kaz, imbaghad ix-xogholijiet tkomplew, izda dawn kellhom jigu sospizi mill-gdid, lejn l-ahhar taghhom, ghaliex irrizultaw xi differenzi bejn ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici u d-direttur tas-socjeta’ konvenuta, u dan minhabba xi xogholijiet ta’ restawr li kien mehtieg li jsir lill-gallerija tal-injam, partikolarment dwar jekk kellux jigix kompletat ix-xoghol ta’ graffiato fuq il-faccata qabel ma tigi restawrata din il-gallerija.

Illi oltre x-xogholijiet fuq il-faccata tal-bini, ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta talab illi jigu mwettqa xogholijiet simili ta’ xkatlar, mili ta’ fili u kisi anke tal-hitan interni tal-bini. Illi ghal tali xogholijiet, is-socjeta’ attrici kellha tithallas separatament. Pero’ s-socjeta’ attrici rceviet pagament ta’ tmien mitt ewro (€800.00) ohra, li kellhom

jigu meqjusa bhala pagament akkont tal-kont originali ghax-xogholijiet fuq il-faccata.

Illi regghu inqalghu xi differenzi bejn il-partijiet, partikolarment bejn Antoine Camilleri u r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, u ghalkemm din tal-ahhar ipprocediet sabiex ikkompletat ix-xogholijiet, madanakollu, kien hemm hafna tensjoni bejn il-partijiet, tant illi s-socjeta’ attrici anke bghatet ittra legali lis-socjeta’ konvenuta sabiex din tal-ahhar taghtiha access ghall-fond in kwistjoni sabiex tkun tista’ tikkonkludi x-xogholijiet.

Illi l-bilanc li ghadu dovut mis-socjeta’ konvenuta u l-kjamat in kawza, jew min minnhom, huwa fl-ammont ta’ elf sitt mija tnejn u hamsin ewro (€1,652.00), u dan kif jirrizulta mill-fattura a fol.35 tal-atti.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara illi x-xogolijiet li s-socjeta’ attrici kienet inkarigata li taghmel kienu jikkonsistu f’xogholijiet ta’ tiswija u restawr fuq il-partijiet esterni tal-bini, u cioe’ l-faccata, l-bitha u l-bejt. Illi ghal tali xogholijiet li-partijiet ftehmu fuq il-prezz ta’ elfejn ewro (€2,000.00), li minnhom is-socjeta’ konvenuta hallset elf u erba’ mitt ewro (€1,400.00), u dan permezz ta’ zewg pagamenti, wiehed ta’ erba’ mitt ewro (€400.00) u elf ewro (€1,000.00), u dan kif jirrizulta minn zewg cheque *images* li jinsabu ezebiti a fol. 45 u 46 tal-atti.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta jikkontendi illi wara li r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici rcieva dawn il-pagamenti, il-lavranti tieghu abbandunaw ix-xoghol li kien mehtieg minnhom li jwettqu, tant illi, wara li r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici kkonsenja c-cwievet tal-fond proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta l-Ghassa tal-Pulizija, is-socjeta’ konvenuta nkarigat is-servizzi ta’ terzi sabiex jigu kompletati x-xogholijiet. Illi tali xogholijiet gew mwettqa minn dan it-terz versu l-hlas tal-prezz ta’ elfejn mija u tmenin ewro (€2,180.00), u dan kif jirrizulta minn ricevuta li tinsab a fol.28 tal-atti, u liema hlas sar ghax-xogholijiet indikati u deskritti fid-dokument li jinsab a fol.29 tal-atti.

Illi skont ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, u l-kjamat in kawza, ix-xoghol imwettaq mis-socjeta’ attrici jirraprezenta madwar hamsin fil-mija (50%) tax-xoghol miftiehem, u li ghalhekk is-socjeta’ attrici thallset ghax-xoghol li ghamlet u li ebda bilanc m’huwa dovut la mis-socjeta’ attrici u lanqas mill-kjamat in kawza.

Ikkunsidra,
Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi effettivament is-socjeta’ konvenuta nkarigat is-servizzi tas-socjeta’ attrici sabiex din tal-ahhar taghmel xogholijiet ta’ restawr fuq il-faccata u partijiet esterni ta’ mahzen, li jidher li huwa proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta. Illi ghalkemm jidher illi s-socjeta’ attrici giet avvicinata, u mitluba sabiex tippresta s-servizzi taghha, mill-kjamat in kawza, madanakollu, l-involviment tieghu – fil-kwalita’ personali tieghu – kien limitat ghal tali rwol. Illi ghalkemm fl-iskrittura, ossia dikjarazzjoni, li tinsab a fol.7 tal-atti, gie msemmi l-kjamat in kawza b’ismu, madanakollu, il-pagamenti lis-socjeta’ attrici gew imwettqa b’cheques tas-socjeta’ konvenuta, oltre illi minn qari tal-affidavits tar-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta u tal-kjamat in kawza, jirrizulta illi x-xogholijiet li s-socjeta’ attrici kienet giet inkarigata li taghmel kienu f’dak li gie deskritt bhala “*mahzen u l-ufficcju tas-socjeta’ Mercurius Holdings Limited li tinsab f’Timber Wharf*”, u li taghha Antoine Camilleri ddikjara li huwa d-direttur manigerjali. Illi ghalhekk, u minkejja l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta fir-risposta taghha, ma jezisti ebda dubju f’mohh dan it-Tribunal illi ghalkemm kien il-kjamat in kawza li avvicina lir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, madanakollu, kienet is-socjeta’ konvenuta illi inkarigat is-servizzi tas-socjeta’ attrici. Illi ghalhekk tali eccezzjoni, sollevata mis-socjeta’ konvenuta, qed tigi michuda u skartata.

Illi f’dak li jirrigwarda l-mertu ta’ din l-azzjoni, fejn is-socjeta’ attrici qed titlob hlas ta’ bilanc dovut lilha ghal servizzi rezi minnha, irrizulta illi tali ammont huwa kompost minn zewg cifri; is-somma ta’ sitt mitt ewro (€600.00) bilanc mis-somma originali ta’ elfejn ewro (€2,000.00) ghal xogholijiet li kellhom isiru fuq il-partijiet esterni tal-bini, li minnhom is-socjeta’ konvenuta ‘gia

hallset elf u erba’ mitt ewro (€1,400.00), u s-somma ta’ tmien mitt ewro (€800.00), li tirraprezenta hlas dovut ghal xogholijiet ulterjuri li s-socjeta’ attrici giet inkarigata li tghamel fil-partijiet interni tal-istess fond.

Illli ghalkemm dwar l-ewwel ammont, u cioe’ dak originali ghal xogholijet fil-partijiet esterni tal-bini, is-socjeta’ attrici pprezentat dikjarazzjoni, li donnha tirraprezenta l-ftehim milhuq bejn il-partijiet (ghalkemm hemm firma fuq din id-dikjarazzjoni, ma rrizultax mill-provi dwar ta’ min hi, ghalkemm jidher li hija tar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, meta mqabbla mal-firma tieghu fuq l-affidavit tieghu), dwar it-tieni ammont, u cioe’ dak li jirraprezenta hlas dovut ghax-xogholijiet fil-partijiet interni tal-bini, s-socjeta’ attrici pprezentat biss fattura, datata 6 ta’ Jannar, 2010. Illi dwar dan it-tieni ammont, ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara illi l-prezz gie miftiehem biss verbalment, ghaliex il-ftehim intlahaq waqt illi d-direttur tas-socjeta’ konvenuta kien imsiefer, u tali ftehim sar ma’ ibnu, il-kjamat in kawza. Illi f’dan ir-rigward, il-kjamat in kawza cahad illi s-socjeta’ attrici giet mitluba sabiex taghmel xi xogholijiet fuq il-hitan interni tal-fond; madanakollu, ikkonferma illi effettivament twettqu xi xogholijiet fuq din il-parti tal-bini, izda li dawn kienu ta’ dannu ghall-bini, u mhux ta’ gid. Illi dwar dawn ix-xogholijiet tal-ahhar, is-socjeta’ attrici pprezentat diversi ritratti ta’ xi hitan interni, uhud qabel ma tqaxxret iz-zebgha, u uhud minnhom juru l-hitan bil-fili miftuha.

Illi s-socjeta’ konvenuta qed tikkontendi illi tant is-socjeta’ attrici ma ottemperatx ruhha mal-ftehim, u ma wettqitx ix-xogholijiet rikjesti, illi l-istess socjeta’ konvenuta giet kostretta li tinkariga s-servizzi ta’ terzi sabiex jikkompletaw dawn ix-xogholijiet. Illi f’dan ir-rigward, is-socjeta’ konvenuta ma ressqitx lil dan il-persuna li ghamel ix-xogholijiet, izda pprezentat ricevuta fiskali rilaxxjata minn certu Fabio Briffa a favur tas-socjeta’ Mercurius Holdings Limited ghal xogholijiet ta’ kostruzzjoni (a fol.28), kif ukoll deskrizzjoni tas-servizzi li gew imwettqa. Illi dwar dawn id-dokumenti, is-socjeta’ attrici talbet l-isfilz taghhom, permezz ta’ rikors datat 19 ta’ Ottubru, 2012 (a fol.60), liema talba madanakollu, giet michuda; illi ghalkemm is-

socjeta’ konvenuta ma haditx l-inizzjattiva sabiex tressaq lil din il-persuna li allegatament wettqet ix-xoghol, sabiex jiddeskrivi u jixhed dwar ix-xoghol li gie mitlub jaghmel, u jikkonferma li rrilaxxja d-dokumenti ezebiti, madanakollu, tali dokumenti gew ipprezentati u kienu a disposizzjoni tas-socjeta’ attrici qabel ma din ghalqet l-istadju tal-provi taghha, u ghalhekk setghet liberament ressqet lil dan il-persuna bhala xhud taghha, li ma sarx. Illi ghalkemm dan it-Tribunal mhux qed jiddubita l-awtenticita’ ta’ dawn id-dokumenti, madanakollu, minn ezami tal-kontenut tal-elenku tax-xogholijiet li saru minn dan Fabio Briffa fil-mahzen tal-Marsa, jidher illi tali xogholijiet kienu ffokati fuq il-partijiet esterni tal-bini, u mhux fuq l-ambjenti ta’ gewwa, ghalkemm jidher li saru xi xogholijiet ohra li s-socjeta’ attrici ma kienitx mitluba li tghamel, bhal per ezempju “*removing aluminium existing kitchen and to be replaced in stone....”* u “*... entrance door to the office to adjust the upper part...”* . Illi tali deskrizzjoni tindika illi kien hemm xogholijiet illi kellhom jigu mwettqa mis-socjeta’ attrici illi effettivament ma gewx kompletati, u gew konkluzi minn dan il-persuna.

Illi mill-assiem tal-provi ma jirrizultax daqstant car kemm mix-xogholijiet li s-socjeta’ attrici giet inkarigata li tghamel, effettivament wettqet, u filwaqt illi s-socjeta’ attrici qed tikkontendi illi kkonkludiet ix-xogholijiet kollha, is-socjeta’ konvenuta ssostni illi s-socjeta’ attrici wettqet biss nofs ix-xoghol miftiehem. Illi ghalkemm ma rrizultax kjarament x’ftehim kien hemm bejn il-partijiet dwar xoghol li kellha twettaq is-socjeta’ attrici fuq l-ambjenti ta’ gewwa tal-mahzen, madanakollu, jidher illi s-socjeta’ attrici bdiet tali xogholijiet – u dan kif jirrizulta mid-diversi ritratti pprezentati mis-socjeta’ attrici – izda mhux car jekk dawn gewx kompletati.

Illi fid-dawl ta’ tant nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet dwar l-estent tax-xoghol imwettaq mis-socjeta’ attrici, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-talba tal-attrici m’ghandhix tigi skartata ghal kollox, izda li *se mai* ghandha tigi milqugha biss *in parte*. Illi tenut kont tal-fatt illi s-socjeta’ attrici kienet ‘gia rceviet hlas fl-ammont ta’ elf u erba’ mitt ewro (€1,400.00) mill-prezz originali miftiehem bejn il-

partijiet, u l-ftehim originali kien ghall-hlas ta’ elfejn ewro (€2,000.00), li mbaghad maghhom is-socjeta’ attrici ziedet tmien mitt ewro (€800.00) ghal xogholijiet li kellhom isiru fuq il-partijiet interni tal-bini, liema xogholijiet jidher li xi parti minnhom gew imwettqa, it-Tribunal ser jghaddi sabiex *arbitrio boni viri* jillikwida s-somma ta’ sitt mitt ewro (€600.00) bhala ammont dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici li ghandu jkopri kwalunkwe xogholijiet, anke dawk addizzjonali u cioe’ mhux koperti mill-ftehim originali, li setghu gew imwettqa mis-socjeta’ attrici fil-mahzen mertu ta’ din il-kawza.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jilqa’ l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza li mhux il-legittimu kontradittur, u ghalhekk qed jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, qed jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta, qed jilqa’ *in parte* t-talba tas-socjeta’ attrici, u qed jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mitt ewro (€600.00.00), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ attrici u dik konvenuta f’sehem indaqs bejniethom, bl-eccezzjoni tal-ispejjez tal-kjamat in kawza, li ghandhom jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------